MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 278/2006/1

**Avviz Numru : 278/2006/SM**

**Robert Cutajar**

**vs**

**Kurt Farrugia**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fid-19 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors fuq indikat datat il-15 ta' Settembru tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat :*

*1. Illi prevja dikjarazzjoni ta' din il-qorti illi l-allegazzjonijiet kontenuti fit-titolu u fil-kontenut tal-artikolu intitolat "Lm500 allegedly paid to PN employee for job" ippubblikat fil-Maltastar.com ta' nhar il-11 ta' Settembru tas-sena 2006, (Dok "A"), - ta' liema pubblikazzjoni l-intimat hu l-editur – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu rreputazzjoni tieghu;*

*2. Illi jhallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti, ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni;*

*Rat ir-risposta tal-intimat datata t-3 ta' Novembru tas-sena 2006 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:*

*1. Illi l-premessi u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fil-ligi, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-pubblikazzjoni msemmija mill-attur ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu;*

*3. Illi inoltre il-fatti msemmija fl-artikolu indikat mill-attur evidentement jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar materja ta' nteress pubbliku attwali accettabbli f'socjeta` demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet tal-Istampa;*

*4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghassueccepit, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll f'espressjoni tal-opinjoni u apprezzament, jew value judgement , tal-gurnalist u hija fair comment maghmul in buona fede fuq materja ta' nteress pubbliku, ammissibbli, kemm taht il-Ligi tal-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*

*Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;*

*Ezaminat ix-xhieda gia` mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;*

*Ezaminat ukoll id-dokumenti gia` esebiti fl-atti processwali ta' din l-istess qorti diversament preseduta;*

*Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 ta' Gunju tas-sena 2010 li permezz tieghu nfurmaw lil din il-qorti kif issa preseduta illi x-xhieda gia` mismugha minn din il-qorti diversament preseduta ghandha tittiehed daqs li kieku giet mismugha minn din il-qorti kif preseduta;*

*Semghet ukoll ix-xhieda prodotta quddiemha;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi skont ir-rikorrenti, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti hassu malafamat bl-ahbar mahruga fl-artikolu de quo minn "Maltastar.com" fil-11 ta' Settembru 2006, peress:*

*i. Illi it-titolu tal-artikolu jafferma mill-ewwel li hames mitt Lira Maltin, (Lm500.00), kienu gew allegatament imhallsa lill-impjegat tal-PN biex jinghata impjieg;*

*ii. Illi fl-artikolu li segwa l-istess titolu jintqal li waqt li certa Trisa Grima kienet qed tixhed il-qorti, din allegat li hi hallset hames mitt Lira Maltin, (Lm500.00), lil certu karattru li kienet semplicement taf li hu maghruf bhala l-Pluto biex, tramite r-rikorrenti li jahdem fil-media tal-PN, isibilha impjieg fl-armata;*

*iii. Illi l-istess artikolu jsostni li dan kien rapportat f'"One News" minn Veronique Dalli;*

*iv. Illi l-istess artikolu jkompli li l-imsemmija Trisa Grima kienet giet akkuzata li kienet qed ixxerred xi gideb fil-konfront tar-rikorrenti peress li kienet allegat li r-rikorrenti kien ser jinghata l-imsemmi ammont ta' flus u li suppost kellu jirranga ghall-impjieg in kwistjoni;*

*v. Illi l-imsemmija akkuzi kienu gew intavolati fil-konfront tal-imsemmija Grima wara li din kienet ghamlet l-istess allegazzjonijiet fuq ir-rikorrenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, fejn hi u l-gharus taghha kienu marru jfittxu x-xoghol;*

*vi. Illi l-artikolu jkompli billi jghid li l-istess Grima kienet xehdet quddiem Magistrat li kienet iltaqghet mal-imsemmi Pluto barra l-kwartieri generali tal-Partit Nazzjonalista u li dan qalilha l l-ammont ta' flus li ghaddietlu kien ser jghaddihom lir-rikorrent li sussegwentement kien ser jiffinalizza l-pratika ghall-impjieg de quo;*

*vii. Illi nonostante dan, l-impjieg in kwistjoni ma immaterjalizzax;*

*viii. Illi f'dak l-istadju kien ser jittiehdu biss passi kriminali kontra l-imsemmija Grima fuq l-allegazzjonijiet li ghamlet fil-konfront tar-rikorrenti fl-Ufficcju fuq indikat;*

*ix. Illi l-imsemmi Pluto kien ghad jonqsu jixhed fl-udjenza sussegwenti;*

*2. Illi r-rikorrenti jichad kategorikament kemm li qatt kien avvicinat mill-imsemmi Pluto, kif ukoll li qatt ipprokura xi impjiegi lil xi hadd, (ara fol 18), u ghalhekk hassu malafamat meta gie implikat f'din l-istorja;*

*3. Illi di piu` jissottolinea li effettivament, kontra dak allegat mill-intimat fl-artikolu tieghu in dizamina, l-imsemmija Trisa Grima ma kenitx xehdet il-qorti, (ara fol 18);*

*4. Illi jsostni wkoll li originarjament l-artikolu de quo kien afferma li l-ammont indikat kien ta' hamest elef Lira Maltin,*

*(Lm5,000.00), izda sussegwentement din giet ridotta kif jidher ukoll a fol 2;*

*5. Illi l-istess rikorrenti jigbed ukoll l-attenzjoni tal-qorti li lanqas dak allegat fl-ahhar paragrafu tal-artikolu in dizamina ma hu minnu, tant li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jirrilaxxa dikjarazzjoni biex jiccara s-sitwazzjoni;*

*6. Illi fir-rigward tal-karattru indikat f'dawn l-atti bhala l-Pluto, l-istess rikorrenti jsostni li din il-persuna jisimha Frans Mizzi; li ittiehdu proceduri legali kontra taghha, u effettivament, instabet hatja, (ara fol 19);*

*7. Illi fl-ahharnett l-imsemmi rikorrenti jsostni li min jaqra l-artikolu inkriminat jista' jiehu l-impressjoni li gie allegat li ha l-ammont fuq indikat ghar-raguni imsemmija – haga li hi assolutament respinta minnu ghaliex ma hijiex minnha;*

*8. Illi inoltre, il-fatt li l-qrati ikkundannaw kemm lil Grima kif ukoll lil Mizzi fuq indikati, dan qatt ma gie rappurtat mill-imsemmi sit elettroniku fuq indikat;*

*9. Illi ghalhekk, kont li l-istess artikolu mhux biss hu libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti, izda hu wkoll ibbazat fuq premessi foloz ghaliex :*

*i. Il-fatt li gie mxandar il-kliem li " …flus kienu allegatament imhallsa" m'ghandux l-istess tifsira semantika ta' stqarrija li tindika li " … flus gew allegatament imhallsa …", stante li tal-ewwel tallega stat ta' fatt certament akkadut allegat minn terz; waqt li tal-ahhar tirriproduci biss l-allegazzjoni li ghad trid tigi valjata min xi tip t'analizi, f'dan il-kaz, ta' skrutinju gudizzjarju; qabel tigi stabbilita bhala fatt, u ghad tista' tigi konfutata kompletament;*

*ii. Fil-konfront ta' Frans Mizzi, (il-Pluto), effettivament ittiehdu proceduri kriminali; instab hati u l-procedura hi res judicata, kuntrarjament ghal dak allegat fl-artikolu de quo;*

*iii. L-imsemmija Grima ma xehditx fil-qorti;*

*iv. Ir-rikorrent kien kostrett jirrikorri ghal din il-procedura biex jittutela d-dinjita` tieghu;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi in effetti rizultat tal-imsemmi artikolu in dizamina jirrizulta li anke l-ispettur imsemmi fl-istess procedura kien kostrett jinvolvi l-ufficcju responsabbli ghar-relazzjonijiet li l-pulizija jista' jkollhom mal-"media" u l-komunita` biex johorgu zmentita, liema zmentita kjarifikatorja giet anke mxandra fuq l-istazzjoni Super One, (ara fol 23);*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-intimat sintetikament, isostni s-segwenti:*

*1. Illi hu kien l-editur tas-sit elettroniku in dizamina meta gie miktub u mxandar l-artikolu de quo;*

*2. Illi kien irceva r-rapport li xandar One News u qalbu ghall-Ingliz;*

*3. Illi t-titolu ghall-artikolu de quo kien kitbu l-istess intimat;*

*4. Illi qabel ma ghazel li jxandar l-istess artikolu l-istess editur intimat jafferma li " … ma ghamiltx investigazzjoni jew verifiki dwar il-kontenut ta' dak ir-rapport", (ara fol 61);*

*5. Illi meta gie lilu suggerit li fir-rapport ta' Super One ma giex allegat li thallsu xi flus lir-rikorrenti, l-istess intimat jafferma li hu fehemha bil-mod li ppubblikaha;*

*6. Illi l-istess intimat isostni f'udjenza ulterjuri li:*

*i. Illi l-artikolu de quo kien rapport ta' kaz li kien ghaddej il-qorti, kontra l-imsemmija Trisa Grima;*

*ii. Illi jafferma li l-artikolu hu rapport ta' dak li kien qed isehh fil-kaz kriminali indikat fil-paragrafu precedenti;*

*iii. Illi ma kitibx l-artikolu in dizamina;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi s-sintesi fattwali fuq riprodotta twassal ghas-segwenti:*

*1. Illi l-editur intimat jidher li jippubblika fis-sit li tieghu hu l-editur responsabbli bl-aktar mod approssimattiv stante li jippubblika allegazzjonijiet minghajr ma jivverifikhom minn qabel;*

*2. Illi di piu`, l-artikolu inkriminat jizvela is-segwenti tlett (3) premessi zbaljati:*

*i. Illi l-emfasi semantika indikata aktar qabel tispostja l-oggett tal-allegazzjoni mill-fatt allegat ghall-persuna involuta imsemmija – senjatament ir-rikorrenti;*

*ii. Illi l-imsemmi Mizzi, indikat biss bil-laqam tieghu biex jinghata messagg medjatiku sottili negattiv fil-konfront tieghu u konsegwentement ta' min jittraffika mieghu, gie fl-artikolu de quo, mohbi l-fatt li ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu u kien anke misjub hati mhux kif riprodott fl-istess artikolu li proceduri kriminali kien ghadhom ser jigu introdotti kontra tieghu;*

*iii. Illi di piu`, meta gie mxandar l-artikolu de quo, l-imsemmija Grima, palezament kontra dak allegat fl-artikolu de quo, kienet ghadha ma xehdet quddiem l-ebda qorti;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-intimat isostni li l-pubblikazzjoni in dizamina:*

*1. Mhix libelluza;*

*2. Tikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja t'interess pubbliku accettabbli f'socjeta` demokratika;*

*3. Tikkontjeni kummenti gusti u opinjonijiet in buona fede;*

*4. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi tenut kont tal-pozizzjoni intransigenti sostenuta mill-intimat f'din il-procedura ghandu jinghad li din il-qorti kellha diversi okkazjonijiet fejn esprimiet il-pozizzjoni taghha fir-rigward tal-grad gurnalistiku li tixtieq tara biex verament tissahhah is-socjeta` demokratika tant blazonata mill-intimat;*

*Illi l-ewwel principju li ghandu jigi sancit bl-aktar mod rigoruz f'dan il-qasam hu li l-fatti li allegatament jigu mxandra fil-konfront ta' persuni li gurnalist jiffoka fuqu ghandhom ikunu ivverifikati b'rigorozita` u b'mod oggettiv;*

*Illi meta tali "fatti" hekk imxandra sussegwentement jirrizultaw li ma kienux minnhom u li addirittura l-istess gurnalist jammetti bla tlaqlieq li naqas jeffettwa dik irrigorozita` minnu rikjesta qabel ixandar u jimmalafama lil xi hadd, allura kwalunkwe difiza tkun irrizorja u minghajr effikacja;*

*Illi d-dritt ghal-liberta` tal-espressjoni sancit minn dawn il-qrati fl-ambitu aktar wiesgha tad-drittijiet fundamentali mhux dak ibbazat fuq l-inkompetenza, inefficjenza jew il-malizja;*

*Illi dak li hu sancit hu biss il-verita` - mhux il-manipulazzjoni, ghaliex altrimenti tkun l-istess qorti li tassumi l-funzjoni ta' komplici wara l-fatt - fejn il-"fatt" hawn riferit hu l-artikolu libelluz u malafamanti in dizamina:*

*Illi ghalhekk l-artikolu de quo ma jikkwalifikax bhala rappurtagg gurnalistiku accettabbli f'socjeta` demokratika, stante li din is-socjeta` tirrikjedi rigorozita` fir-ricerka tal-verita` u verifika skont l-oghla kriterji serji permissibbli;*

*Illi artikolu in dizamina li jippekka bi kbir f'dan il-qasam tant delikat u allura ma jista' qatt jattira t-tutela imprenxindibbli fuq indikata;*

*Illi tenut kont allura tal-kroll tal-imsemmi bazi li fuqha strah l-intimat, l-ebda kumment tal-intimat ma jista' jikkwalifika bhala wiehed gust stante li l-valur tal-gustizzja qatt ma jista' jingieb bhala sostenn ta' manipulazzjoni falsifikata intenzjonalment jew minhabba inkompetenza naxenti minn nuqqas tal-verifika mehtiega;*

*Illi ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Robert Cutajar ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat, tiehu l-opportunita` tissottolinea li minn jerfa' r-responsabbilita` li jippubblika ghandu wkoll l-obbligu li jivverifika u ghalhekk:*

*1. Tiddikjara li l-artikolu meritu ta' din il-procedura intitolat "Lm500 allegedly paid to PN employee for job", ippubblikat fis-sit elettroniku Maltastar.com fil-11 ta' Settembru, 2006, ta' liema sit elettroniku l-intimat Kurt Farrugia kien l-editur, hu malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Robert Cutajar;*

*2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-qorti tal-Appell fl-ismijiet Victor Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:*

*" Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi tal-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (Lm2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0);*

*3. Tikkundanna lill-editur intimat Kurt Farrugia biex a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248 ihallas lir-rikorrenti Robert Cutajar l-ammont ta' tliet elef ewro, (€3,000.00), bl-ispejjez ta' din il-procedura."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Kurt Farrugia (ID 919082M) datat 9 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u

dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atur appellat.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appellat Robert Cutajar (ID 124272 M) datata 26 ta' Mejju 2011 a fol 12 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-attur appellat. Deher ukoll l-appellant assistit minn Dr. Pawlu Lia. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 19 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-appell odjern jinghad li darba l-persuna hija wahda pubblika mela allura meta l-fatti huma sostanzjalment veri, ghandha tippermetti latitudini wiesgha ta' kritika ghaliex dan hu ta' essenza tal-process demokratiku u tal-liberta; tad-dritt fondamentali tal-liberta' tal-espressjoni permezz tal-istampa, id-dritt tal-analizi tal-fatti li jirrizultaw sostanzjalment veri w l-interpretazzjoni taghhom **("Sant vs Camilleri"** (P.A. (JSP) – 29 ta' Novembru 1991) u allura ma ghandux ikun hemm restrizzjonijiet fuq il-liberta` tal-istampa li jigu rapportati jew pubblikati *"opinions on issues of public concern"* (**"Goodwin vs United Kingdom"** – ECHR – 27 ta' Marzu 1996) u li *"the general*

*interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language”.* F’dan il-kuntest l-appellant isostni li bir-rapport tieghu huwa kien qed jaqdi l-kompitu tieghu ta’ gurnalist u kien qed ikopri kaz li kien qed jinstema’ l-Qorti fejn kienet involuta persuna pubblika u li tahdem ma partit politiku u l-fatti kienu sostanzjalment veri u dan ghaliex Trisa Grima vera kienet ghamlet allegazzjoni li implikat li l-appellat kien ha xi flus sabiex persuna tiddahhal jahdem fil-qasam pubbliku u ma qalitx li din l-allegazzjoni hija minnha tant li sostniet li *“Grima is being accused of spreading lies against Cutajar”.* L-unika fatt li ma huwiex korrett kien biss li fil-verita’ hija ma xehditx f’dawk il-proceduri u kienet ghamlet tali allegazzjoni fi stqarrija li giet esebita l-Qorti u dan gie kkonfermat minn ufficjali tal-OPM li xehdu fil-kawza taghha li kkonfermaw ukoll l-allegazzjonijiet minnha maghmula.

Illi l-principji applikabbli f’materja ta’ libelli gew stabbiliti f’diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **“Marin Hili vs Felix Agius” (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta’ Dicembru 1998), “**Ernest Tonna vs Felix Agius” (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. 21 ta’ April 1999) **u “Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra”** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-1 ta’ Lulju 1999), u **“Rev. Joseph Borg vs Felix Agius”** (Citaz. Numru 1840/97/RPC - P.A. 14 ta’ Ottubru 1999), u wkoll **“Adrian Gardner vs Joe Mifsud”** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-**Kostituzzjoni ta’ Malta** u liberta` ta’ espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *“il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna*

*f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipproteggi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti l-gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

In effetti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996.) li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **(Reginald Miller vs Harold Scory -**XXXVI.IV.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** Vol.XI.IV.1195; **"Dr Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** JSP. 929/90/JSP. 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu il-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Illi nghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati**. ("Onor. Seg. Parlamentari Dr Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine".** A.C. 8 ta' Gunju 1999).

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien".** ( A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859.) giet imfissra hekk:-

"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".

Illi fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Olivieru Munroe". (**XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' ikun ta' zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares*

*mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej"* (**"Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et."** P.A.H. 28 ta' Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi nnotat dak li intqal fis-sentenza **"Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus"** (A.C. 4 ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu il-konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, stante li illum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**artikolu 47 (7)** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et"** (A.C. 8 ta' Novembru 1995**)** intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"il-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja", "dan li il-Qorti ghandha tippermetti l'atitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika", u* tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wisa` f'kazijiet li lejha hija indirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi "**John Zammit vs Felix Agius**" (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta' Marzu 2001, kif ukoll f' "**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 122/99/RCP), "**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive**

**Noel Grima et"** (Cit Nru 123/99/RCP), "**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 129/99/RCP) u "**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima"** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta' Ottubru 2000, u fis-sentenzi **"Dr Andrew Borg Cardona vs Joseph S Abela" (**Cit Nru: 1311/98/RCP deciza fl-24 ta' Jannar 2002) u **"Onor. Alfred Sant vs Gordon Pisani et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2002).

Illi jirrizulta li l-kawza odjerna hija dwar artikolu li gie ppublikat mill-Maltastar.com fil-11 ta' Settembru 2006 (Dok. "A") fejn inghad b'*header* li **"Lm500 allegedly paid to PN employee for the job"** Fl-istess artikolu li din il-Qorti qed taghmel riferenza diretta ghalih a fol. 2 tal-process jinghad li l-imsemmija Triza Grima meta kienet qed tixhed il-Qorti allegat li kienet ghaddiet l-istess ammont ta' flus lill-persuna li rreferiet ghaliha bhala Il-Pluto sabiex dan minn naha tieghu jghaddi l-flus lil certu Robert Cutajar li jahdem fil-media tal-PN, u dan sabiex issib xoghol f'armata lill-istess u hawn jidher li r-rapport stess jinghad li qed jikkwota dak li sosniet *"Veronique Dalli reported for the One News".* Fl-istess artikolu jinghad li Grima kienet giet akkuzata li kienet qed tigdeb fuq Robert Cutajar *"after she alleged that he was the ultimate recipient of the Lm500 and was supposed to arrange for the job with the army".* Inghad li tali allegazzjoni kienet saret minn Grima fl-ufficju tal-OPM. Jinghad li *"Grima testified before Magistrate Consuelo Scerri Herrera that she had met Il-Pluto outside the Nationalist party HQ and that he had told her that he would pass on the Lm500 she had given him to Cutajar who would then make the necessary arrangements for the army job. Despite this the job with the army never materialized Grima testified".*

Illi mela allura dan ir-rapportagg jidher li sar allegatament fuq dak li gurnalista tal-One News irrapporta, u dan allura gie riprodott fil-pubblikazzjoni in ezami, u dan kien qed jirraporta dak li sehh fis-seduta tas-6 ta' Settemru 2006 fil-kawza kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Triza Grima" fejn appuntu kienet din l-istess Triza Grima li kienet qed tigi akkuzata b'defamazzjoni fil-konfront tal-appellat. Issa f'dawn il-proceduri jirrizulta b'mod indiskuss li mhux minnu

li Triza Grima xehdet u wisq inqas li hija fil-Qorti ghamlet dawn l-akkuzi fil-konfront tal-appellat. Kull ma rrizulta huwa li skond ix-xhieda tal-Ispettur Gafa`, u ufficjali tal-OPM, Triza Grima kienet ghamlet din l-allegazzjoni ma’ xi ufficjali tal-OPM, li dawn mill-ewwel rraportaw il-kaz lill-Pulizija sabiex tinvestiga, u fil-fatt meta interrogata Triza Grima fl-istqarrija taghha cahdet li hija kienet ghamlet din l-allegazzjoni mal-ufficjali tal-OPM li kienet rat xi persuna tghaddi xi flus lil Robert Cutajar. Ma’ dan jizdied jinghad li mix-xhieda ma kien hemm hadd li sostna fil-proceduri kriminali li kien hemm xi hadd li ra lil Robert Cutajar jircievi xi flus. Tant huwa minnu dan, li l-Ispettur Angelo Gafa’ sostna li kemm Triza Grima u kemm l-gharus taghha Lee Degiorgio qatt ma qalu mieghu li huma raw lil Francis Mizzi jghaddi xi flus lill-attur, u ma` dan jizdied jinghad li l-istess Francis Mizzi stqar mieghu li huwa qatt ma kellem lill-attur u wisq inqas ghaddielu xi flus.

Illi minn dan kollu, li din il-Qorti stess ivverifikat mill-atti kriminali fil-kawza “Il-Pulizija vs Triza Grima” u partikolarment dak li sehh fis-seduta tas-6 ta’ Settembru 2006, jirrizulta li ma kien hemm ebda dubju minn qari tal-istess xhieda ta’ dak in-nhar moghtija fil-Qorti Kriminali li fl-istess proceduri per se saret xi allegazzjoni la tramite Triza Grima u lanqas minn xi persuna ohra bil-gurament li effettivament kienu ghaddew xi flus lil Robert Cutajar. Dak li rrizulta kien li Triza Grima kienet ghamlet tali allegazzjoni qabel ma` xi ufficjali tal-OPM, li izda wara dan hija nnegat li ghamlitha, tant li fl-istqarrija taghha stess hija tghid li qatt ma qalet dan il-kliem u wisq inqas rat lil xi hadd jaghti xi flus lil Robert Cutajar, u kien ghalhekk li saru proceduri kontra taghha ghal kalunja – u allura mill-istess procedura jirrizulta li dak li kien qed jigi ezaminat kien biss jekk tali Triza Grima kienitx gidbet u mmalafamat kriminalment lil Robert Cutajar, izda ma kien hemm ebda dubju, allegat jew mod iehor dwar il-fatt li Robert Cutajar qatt ma rcieva xi flus minn hadd kif indikat. Mela allura f’dan il-kuntest ma kienx korrett meta gie rapportat mill-media li kien hemm kaz ta’ **“Lm500 allegedly paid to PN employee for the job”,** u dan ghaliex dan huwa fil-fatt misrappresentazzjoni tal-fatti ghaliex dak li irrizulta kien li persuna kienet qed tigi akkuzata li ghamlet tali

allegazzjoni fil-konfront tal-attur, allegazzjoni li kienet gja indikata bla inveritiera, tant li inhadu passi kontra min ghamilha, u allura f'dak l-istadju u mill-proceduri kriminali, anke sa dak iz-zmien, kien johrog car li tali flus qatt ma thallsu lil Robert Cutajar, u f'dak l-istadju kien gja accerrtat li din kienet qlajja kerha, u allura ma kienx hemm l-ebda dubju li fil-fatt tali pagament qatt ma sar – mentri l-artikolu ihalli dubju jekk mhux izjed jekk l-istess pagament kienx sar jew le.

Illi certament li dak rapportat ma jirriflettix dak li sehh fl-istess proceduri kriminali, mhux biss ghaliex kontra dak li inghad fir-rapport, l-istess Triza Grima qatt ma xehdet, u wisq inqas qalet dak indikat fl-artikolu fix-xhieda taghha, izda hija nnegat li qalet l-istess fl-istqarrija taghha, u x-xhieda kollha prodotti sa dak in-nhar kategorikament qalu li hadd minnhom ma ra lil xi persuna tghaddi xi flus lill-appellat. Mhux biss, izda l-punt kollu gja stabbilit fl-istess procedura kien jekk hux minnu jew le li Triza Grima kienitx immalafamat kriminalment lil Robert Cutajar billi gidbed fuqu, izda qatt ma kien hemm kontestazzjoni jekk Robert Cutajar irceviex tali flus, ghaliex mill-istess xhieda sa dak iz-zmien ( u wara mill-process kollu) fl-istess proceduri kien mhux kontestat il-fatt li Robert Cutajar qatt ma rcieva tali flus u allura ma kien hemm ebda dubju li huwa kien il-vittma ta' malafama jew ta' rapport falz. Mill-istess artikolu, kif miktub jirrizulta li l-istess allegat fatt hemm indikat – jekk Robert Cutajar irceviex il-flus jew le baqa' imdendel u ghalhekk u f'dan l-istess artikolu huwa malafamanti fil-konfront tal-appellat. Fl-istess vina jinghad li r-rapportagg suggett tal-kawza odjerna kien ukoll mibni fuq rapportagg iehor din id-darba fuq it-telelvizjoni, meta certament jidher li dan lanqas kien il-kaz ghaliex lanqas ir-rapportagg fuq it-televizjoni ma' kien allega li kien ghaddew xi flus u dan ifisser li dan ir-rapportagg kien manifestament inkorrett u mhux mibni fuq dak li attwalment sar u sehh fil-proceduri kriminali ta' tant sensittivita'. Mhux sewwa li persuna tigi malafamata minn xi hadd u huwa iktar zbaljat li tali malafama tigi perpetrata minn haddiehor b'tant pubblicita' ghaliex allura jkun qed issir riklam ta' min ikun ghamel il-malafama u l-vittma li tkun qed tigi mgeghla ssofri din il-hsara terga' tigi suggetta ghall-iktar hsara fir-reputazzjoni

taghha, li ma kienx ikun il-kaz kieku l-proceduri kriminali u l-fatti gew rapportati, kif kelhom jigu rapportati kif kienu.

Illi ma` dan jizdied jinghad li fir-rapport suggett ghall-kawza odjerna inghad ukoll li ma kienux ittiehdu passi kontra il-Pluto li fil-fatt kien Francis Mizzi, meta jirrizulta fil-fatt il-pulizija kienet ipprocediet kontra Trisa Grima u separatament kontra Francis fl-istess gurnata tat-8 ta' Awwissu 2006 (ara stqarrija ta' WPC 255 Roberta Fenech datata 12 ta' Settembru 2006 (Dok. "RF 1") u xhieda ta' l-Ispettur Angelo Gafa' datata 30 ta' April 2007.

Illi mhux hekk biss izda jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut appellant fil-kontro-ezami tieghu tat-8 ta' Mejju 2008 li huwa qal hekk:-

*"Il-heading kif ippublikat fil-Maltastar ghamiltu jien. Ir-rapport tal-One News kien bil-Malti u jiena qlibtu ghall-ingliz. Hadthu kif inhu. Ma ghamiltx investigazzjoni jew verifiki dwar il-kontenut ta' dak ir-rapport. Qed jigi suggerit illi r-rapport tas-Super One ma giex allegat illi thallsu xi flus lill-attur. Nghid li ahna hekk fhimniha u fir-rapport taghna ghamilna li gie allegat il-hlas".*

Illi dwar dak allegat mill-appellanti li ma ttiehdux passi kontra gurnali li rrapportaw l-istess ahbar, ghalkemm dan fih innifsu mhux difiza ta' dak li sar fir-rapportagg mertu tal-kawza odjerna li kien rapportagg inkorrett u sleali ghal dak li sehh fil-proceduri kriminali minnu ndikati, jinghad ukoll li rapporti l-ohra kienu fil-fatt mibnija fuq il-premessa cara li kienu ttiehdu passi kontra persuna li mmalfamat lill-appellat u ma kienx hemm dubju jekk l-appellat kienx ircieva flus jew le b'mod fuq kollox li huwa llegali. Fil-fatt l-artikolu fil-*Malta Independent* jaqra *"Woman in court for making false allegations about an OPM official"* (Dok. "RC" – fol. 69) u *The Times* il-header huwa *"Woman accused of false allegations against journalist"* u allura ma hemm l-ebda dubju li l-kaz odjern huwa ferm differenti minn dak rapportat u kif rapportat fil-gurnali ndikati. Fl-ahhar tnejn hemm dak li verament sehh f'tali proceduri, f'dak odjern ma hemmx, u bil-mod kif sar u kif indikat mill-istess attur fix-xhieda tieghu tas-17 ta' April 2007 u id-

Dok. “RC” a fol. 21 tal-process, ma hemm ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti li l-artikolu kif impostat mill-appellant kien u huwa malafamanti fil-konfront tal-appellat/attur u b’hekk ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi michud.

Illi dwar l-ammont ta’ danni li l-appellant qed jilmenta fuqhom din il-Qorti thoss li tenut kont tas-serjeta’ tal-kaz u l-malafama li l-attur sofra, fejn il-kaz kif rapportat ma huwiex biss serju izda serjissimu, din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni u l-apprezzament li l-Ewwel Qorti ghamlet dwar l-istess. Thoss li allura ma ghandhiex tbiddel xejn minn dak deciz ghaliex fuq kollox ir-ragunament tal-Ewwel Qorti huwa korrett u sorrett mill-provi u din il-Qorti ma ghandhiex f’dan il-kaz tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta’ l-Ewwel Qorti li trattat il-kaz skond il-ligi. B’hekk anke dan l-aggravju qed jigi michud u allura l-appell kollu qed jigi b’hekk respint.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellat datata 26 ta’ Mejju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti datat 9 ta’ Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet “Robert Cutajar vs Kurt Farrugia” (Avviz Numru 278/06/SM) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Kurt Farrugia.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------